MALTA

# Magistrat Inkwirenti

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum t-Tnejn, 21 ta' Mejju 2018**

**Fl-atti tar-rikors tal-Onor Dr Simon Busuttil (ID 242669M) u l-MEP David Casa (ID 473068M) datat 20 ta' April 2018.**

Il-Magistrat Inkwirenti,

Ra ir-rikors intavolat minn **Dr Simon Busuttil** u **David Casa** kontestwalment abbazi tal-Artikolu 546 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ippresentat fl-20 ta' April 2018, fejn talbu s-segwenti:

> *Illi kif jidher mill-annessi kopji originali ta' artikli li gew zvela minn diversi gurnali, kemm lokali u kif ukoll barranin fl-ahhar sighat, is-somma ta' €1.3 MILJUN giet trasferita lil kumpanija sigrieta 17 Black, soojeta registrata f'Dubai li giet imwaqqfa wara l-2013 bil-ghan li tkun wahda mit-taget clients li tghaddi flejjes kbar gol-kumpaniji sigrieti fil-Panama (li ma baqghux sigrieti grazzi ghal-gurnalista maqtula Daphne Caruana Galizia) tal-Ministru Konrad Mizzi u c-Chief of Staff tal-Prim Ministru Keith Schembri;*
>
> *Illi -ezistenza tas-socjeta 17 Black kienet saret maghrufa minn Daphne Caruana Galizia fi Frar 2017 u meta din kienet zvelat l-ezistenza taghha, kemm il-Ministru tal- Energija (dak iz-zmien) Konrad Mizzi u kemm Keith Schembri kienu cahdu kwalsiasi rabta maghha;*
>
> *Illi issa jirrizulta, anke grazzi ghal email li l-gazzetta Germaniza Suddeutsche Zeitung kixfet, li Nexia BT (i-financial advisers tal-persuni suspettati Mizzi u Schembri) kienet kiitbet u kkonfermat li 17 Black kellha tghadi fleijes ingenti ta' kull xahar fi-kumpaniji ta' Mizzi u Schembri fil-Panama u cjoe, Tillgate u Hearnville;*

***Illi issa sar maghruf li l-Financial Intelligence Analysis Unit kienet sabet tal-anqas zewg pagamenti ta' €1.1 miljun lil 17 Black minn kumpanija fis-Seychelles imsejha Mayor Trans;*** (sottolinjar tar-rikorrenti)

*Illi din fis-Seychelles hija proprieta ta' cittadin mill-Azerbaijan, l-istess pajjiz li fih mar kemm-il darba fis-sigriet il-Ministru Konrad Mizzi wara Marzu 2013;*

*Illi l-€1.4 MILJUN intbaghtu lil 17 Black f'Novembru 2015 permezz tal-bank ABLV, bank fi-Latvia li d-Dipartiment tat-Tezor Amerikan ftit xhur ilu ddikjara li huwa magna ta' hasil ta flus ghal politici korrotti u fil fatt gie maghluq bl-intervent tal-Bank Centrali Ewropew;*

*Illi l-awtoritajiet Amerikan responsabbli mill-glieda kontra l-hasil tal-flus identifikaw transactions lejn 17 Black bhala "shell company activity, suspicious wire transfers and money laundering";*

*Illi issa sar maghruf li l-Ministru Mizzi insista biex fl-14 ta' April 2015 jiffirma hu personalment il-ftehim bejn il-Gvern Malti u SOCAR Trading ghas-supply ta' LNG lil Electrogas ghat-18 sena li geijin. L-FIAU tant hadet dan il-fatt bhala wiehed stramb u suspettuz ghall-ahhar li staqsiet lil Ministru Mizzi ghala kellu dan l-interess kollu personali f'dan il-kuntratt multi miljunarju bejn zewg entitajiet privati li ta l-esklussivita lis-SOCAR (socjeta tal-Gvern tal-Azerbaiajan) ghal 18-il sena u sabet ukoll li dan il-ftehim kien imbaghbas (tampered);*

*llli di piu, I-FIAU stabbiliet u dan issa maghruf wara r-rivelazzjonijiet tal-ahhar sighat mill-media lokali u barranija, li f'Lulju 2015 xejn inqas minn €161,000 intbaghtu lil 17 Black minn Orion Engineering Ltd, socjeta proprjeta ta' Mario Pullicino mill-Mellieha, li hija l-agent lokali ghall-Floating Storage Unit tat-tanker tal-gass f'M'Xlokk tal-LNG, meta mhux suppost hemm ebda rabta bejn iz zewg socjetajiet;*

*Illi matul dan il-perjodu inkwistjoni, Ministru Mizzi kien il-Ministru tal-Energija;*

*Illi xahar wara l-pagament ta' €161,000 minn Orion Engineering lil 17 Black f'Dubai, l-Ministru Konrad Mizzi inqabad li siefer Dubari, ghal darba'ohra b'mod sigriet;*

***Illi ftit jiem biss qabel mal-Ministru Mizzi siefer Dubai, Karl Cini u Brian Tonna ta Nexia BT ippreparawlu dokumenti biex jiftah kont bankarju f'Dubai u possibilment ghamlu listess haga ghal Keith Schembri;*** (sottolinjar tar-rikorrenti)

***Illi l-istess FIAU ikkonkludiet li dawn I-attivitajiet kollha kienu jindikaw suspett ragionevoli ta' hasil ta' flus "and/or the existence of the proceeds of crime" izda waqqfet hemm u ma hadet ebda passi u langas ghaddiet ir rapport taghha lill-Kummissarju tal-Pulizija;*** *(sottolinjar tar-rikorrenti)*

*Illi sija l-Ministru Mizzi u Keith Schembri kienet intimament involuti fil-progett tal power station M'xlokk u t-tnejn li huma siefru kemm-il darba lejn l-Azerbaijan b'mod klandestin, fosthom mal-Prim Ministru Joseph Muscat minghajr ebda ufficiali tas-Servizz Pubbliku jew gurnali jakkumpanjawhom;*

*Illi Nexia BT, skond emails li issa gew zvelati u li I-FIAU kellha fidejha, "the company accounts for Tilgate and Hearnville would generate around $2m within a year" u dan f'kontiliet fil-Bahamas u dan minn 17 Black u minn kumpanija ohra registrat f Dubai jisimha Macbridge;*

*Illi dawn it-tentattivi kollha Nexia BT ghamlithom permezz tad-ditta Mossack Fonseca li issa ghalget wara li giet dikiarata korrotta u kriminali fil-Panama;*

*Illi Nexia BT kitbet li l-klijenti taghha, Konrad Mizzi u Keith Schembri, kienu lesti jhallsu Mossack Fonseca $9,000 semplicement biex jifthu il-kontijiet bankarji fil-Bahamas - haga li f'Malta setghet ssir b'xejn;*

*Illi Karl Cini ta' Nexia BT fis-17 ta' Dicembru 2015 kiteb lil Mossack Fonseca li s-socjetajiet fil-Panama tal-Ministru Mizzi u Keith Schembri kellhom joperaw fis-settur marittimu u tas-sajd fil Bangladesh, turizmu fl-Asja, progetti ta' infrastruttura fl-Afrika u l-Indja kif ukoll remote gaming u riciklagg ta' skart, u dan meta s-sidien tal-kumpaniji msemmija kienu Ministru tal Gvern Malti u Chief of staff tal-Prim Ministru u li suppost ma setghu jaghmlu xejn hlief ix-xoghol tal-kariga pubblika taghhom;*

*Illi fl-istess email tas-17 ta' Dicembru 2015, il-Ministru Konrad Mizzi u Keith Schembri kellhom jibdew jircievu €150,000 KULL XAHAR mis-socjetajiet sigrieti fil-Panama permezz ta' 17 Black u Macbridge:*

*Illi permezz ta' stgarrija ufficiali li c-Chief of Staff tal-Prim Ministru hareg permezz tad-DOI L-Erbgha (jumejn ilu) filghaxija. huwa AMMETTA li 17 Black u Macbridge "had been potential clients of his business group", ammissioni lampanti li kien hemm pian ghal tentattiv ta' hasil ta' flus u atti ta' korruzzjoni;*

*Illi fit-twegiba tieghu ghall-lnterpellanza Parlamentari numru 5261 tal on Simon Busuttil, il-Ministru Mizzi kien cahad kwalsiasi rabta mas-societa 17 Black meta huwa issa imgiddeb mill email tas-17 ta' Dicembru 2015 u t-2 ta' Frar 2016 (annessi) fejn jidher car li huwa kien qed jiddikjara li the main target clients tas sigrieta tieghu fil-Panama kienu 17 Black u Macbridge Ltd (it-tnejn f'Dubai), li kien ser jaghmel "an initial minimum deposit of €100,000 or as required", u li kien ser iddahhal mal-€150,000 KULL XAHAR;*

*Illi kif jidher mill-anness artiklu ippublikat jumejn ilu, fir-reazzjonijiet taghhom Konrad Mizzi u Keith Schembri inqabdu jgiddbu u kkontradicew lilhom infushom. Ghall-ewwel darba Keith Schembri, Chief of Staff tal-Prim Ministru, wara li kien qal li Daphne Caruana Galizia kienet giddbet fuqu meta harget b'din l-ahbar fuqu, issa ammetta li 17 Black hija parti mill-business plans tieghu. Dan minnu nnifsu hu agir kriminali, kif inghad hawn fuq, ghax ifisser li kien parti minn pjan mahsub biex jevadi taxxa u jahsel flus gelin mill-korruzzioni u biex jircievi flejjes ta' tixhim. Pero dan ifisser ukoll li bilfors tqum il mistoqsija: galadarba l-Ministru Mizzi, bhala Ministru, ma jistax ikun involut f'attivitajiet kummercial, ghal liema business plans kienet mahsuba 17 Black ghalih? Ir-risposta ma tiistax ma tkunx hlief wahda: biex jircievi flus gejjin mill-korruzzjoni u tixhim;*

*Illi sar maghruf ukoll li Nexia BT, permezz tar Karl Cini, ripetutament hbiet u qarrqet bl-FIAU meta gideb u ta' dikjarazzioni falza dwar il-vera identita' tas-sidien tal-kumpaniji sigrieti fil-Panama ta' Keith Schembri u Konrad Mizzi u naqset ukoll milli tghaddi I-FIAU korrispondenza shiha dwar il-kumpanija taghhom fil Panama;*

*Illi Karl Cini gideb u ta' dikjarazzioni falza wkoll lil FIAU, kontra dak li huwa suppost ghamel skond il-Ligi bhala Money Laundering Reporting officer ta Nexia BT, li "all instructions and with the clients were verbal", meta dan mhux veru ghax hemm numru ta' emails li jgiddbuh;*

*Illi Karl Cini naqas minn dmirijietu bhala MLRO meta issa sar maghruf li lil FIAU hbielha apposta, minkeija mitlub mill-FIAU, l-email tieghu Mossack Fonseca tat 2 ta' Dicembru 2015 fejn kiteb "**go ahead to start the opening of the accounts for those 2 Panama Companies. tnx** ";(sottolinjar tar-rikorrenti)*

*Illi l-fatti hawn fuq esposti jaghtu lok, zgur fuq bazi hafna iktar minn k semplici ta' **prima facie** li huwa l-livel ta' prova rikjest ghal fini tal art. 546(4A) tal-Kodici Kriminali biex issir il-prova rikjest tal-"in genere" li l-**On Konrad Mizzi, Brian Tonna, Karl Cini, Keith Schembri u Mario Pullicino** ikkommettew ksur tas-segwenti:*

- ***S. 115 tal-Kodici Kriminal***
- ***S. 118, 119, 120 tal-Kodici Kriminali***
- ***S. 188 u 189 Kodici Kriminali***
- ***S. 18 tal-Kodici Kriminali***
- ***S. 141 tal-Kodici Kriminali***
- ***S. 48A tal-Kodici Kriminali***
- ***S.42 tal-Kodici Kriminali***
- ***S. 83A tal-Kodici Kriminal***
- ***Artiklu 3(1) tal-Kap.373***
- ***Artiklu 15 tal-A L. 373.01 (obbligi tal-Money Laundering Reporting officer)***

*Illi l-esponenti iridu li jaghtu din l-informazzioni u iktar lil-Magistrat Inkwirenti taht gurament biex il-Magistrat Inkwirenti ikun f'pozizzioni li jistabilixxi l-verita shiha f'dan il-kaz car ta' hasil ta' flus jew it-tentattiv tieghu (li jgorr l-istess responsabbilita kriminali skond il-Kap 373) korruzzjoni, dikjarazzionijiet foloz, associazzjoni kriminali u tixhim, li jakkwista gravita partikolari meta tqis li l-id il-leminija tal Prim Ministru Malti u l-Ministru tal-Energija responsabbli minn progett ta' energija ta' iktar minn €300 miljun;*

*Illi l-esponenti jinformaw lil din l-Onorabbli Qorti li huma jinsabu ghad-disposizzjoni tal-Magistrat Inkwirenti anke b'mod immedjat, anke llum stess, jekk il-Magistrat Inkwirenti hekk jidhiriu biex jixhdu taht gurament u jghaddu lil-Magistrat hafna iktar informazzjoni dettaliata;*

*Illi kif diga habbar hu stess fil pubbliku, MEP David Casa ghandu f'idejh dan ir-rapport tal-investigazzjoni tal-FIAU li f'dan il-kaz sabet li hemm lok ta' passi kriminali kontra I-Ministru Konrad Mizzi u Keith Schembri u dan stante li sors*

*maghruf lilu u li pperikola hajtu biex jikxef din il-korruzzjoni bla ebda precedent, ghaddiehulu. L-FIAU ma ghaddietx dan ir-rapport lil-Pulizija kif kient obbligata taghmel;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil Magistrat Inkwirenti jiskatta l-provvedimenti tat-Titolu Il tal-Kodici Kriminali u jzomm access a tenur tal-artiklu 546(4A) tal-istess Kodici fuq il-persuni suspettati hawn fuq indikati, u dan taht kull provvediment li din il-Qorti joghgobha timponi.*

Ra d-dokumentazzjoni esebita ir-rikorrent flimkien mar-rikors promotur, ossija:

- kopja ta' email datata 2 ta' Frar 2016 bil-korrispondenza tahta annessa,
- artikolu illi deher fit-Times of Malta online fit 18 ta' April 2018,
- artikolu illi deher fil-harga tat-Times of Malta tad-19 ta' April 2018,
- artikolu illi deher fil-harga tal-Malta Independent tad-19 ta' April 2018,
- artikolu illi deher fil-harga tan-Nazzjon tad-19 ta' April 2018,
- artikolu illi deher fuq is-sit elettroniku tal-lovinmalta.com tal-20 ta' April 2018,
- artikolu illi deher fil-harga fil-gazzetta Suddeutsche Zeitung (bil-lingwa tedeska) tat 18 ta' April 2018,
- artikolu illi deher fuq is-sit elettroniku theshiftnews.com tad-19 ta' April 2018 u
- artikolu illi deher fuq is-sit elettroniku theguardian.com tad-19 ta' April 2018.

Ra illi fl-20 ta' April 2018, il-Magistrat inkwirenti hareg is-segwenti digriet:

*A tenur tal-Artikolu 546 (4A) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghed jordna li kopja tar-rikors w id-dokumentazzjoni hemm annessa kif ukoll u ta' dan il-provvediment jigu notifikati lill-Onorevoli Ministru **Konrad Mizzi**, lic-Chief of Staff tal-Prim Ministru **Keith Schembri**, lil **Brian Tonna** u lil **Karl Cini** illi ghandhom lkoll il-fakolta' li jaghmlu r-risposti taghhom sa mhux aktar tard minn nhar il-**Gimgha 27 ta' April 2018**.*

Ra ir-rikors ta' l-Onor Konrad Mizzi ippresentat fil-25 ta' April 2018 fejn talab;

*(1) Dina l-Onorabbli Qorti tastejni milli tiehu konjizzioni ta' dan ir-rikors stante li gie ndagat mill Magistrat Ian Farrugia, liema proceduri fi stadju ta' revizioni quddiem il-Qorti Kriminali*

*(2) jew alternattivament tibghat l-atti lura lir-Reghistratur sabiex jiehu dawk il mizuri opportuni inkluz lli jirrimetti ir rikors de quo l-atti tar-rikors intavolat minn Dott Simon Busuttil nhar l-14 ta' Lulju 2017 gia pendenti quddiem Qorti Kriminali*

Ra illi r-rikors gie dekretat fit-2 ta' Mejju 2018 billi "*tirriserva li tipprovdi dwaru meta eventwalment taghti d-digriet finali taghha.*"

Ra ir-rikors ta' Keith Allen Schembri ippresentat fil 25 ta' April 2018 fejn talab lill Qorti sabiex:

*1. Tiddikjara illi l-mertu tar-rikors de quo huwa ntiku jew jista' jigi riavvizat fil-mertu tar-rikors prezentat minn Busuttil fl-14 ta' Lulju, 2017;*

*2. Konsegwentament tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors de quo u tidderiegi lid-denunzjanti sabiex jekk ihossu li jkun il-kaz, jipprezentaw rikors appozitu fl-atti tar- rikors prezentat minn Busuttil stess fl-14 ta' Lulju, 2017;*

*3. Alternattivament u ghar-ragunijiet indikati fl-ewwel talba, tibghat l-att lura lir-Registratur sabiex jiehu dawk il-mizuri li jhoss oportuni inkluz li jordna li r-rikors de quo jigi inkluz fl-atti tal-proceduri mibdija minn Busuttil fil-14 ta' Lulju 2017 fl-ismijiet indikati aktar qabel.*

Ra illi r-rikors gie dekretat fit-2 ta' Mejju 2018 billi "*tirriserva li tipprovdi dwaru meta eventwalment taghti d-digriet finali taghha.*"

Ra in-nota ta' **Mario Pullicino** ppresentata fis-27 ta' April 2018.

Ra ir-risposta ta' **Keith Allen Schembri** ppresentata fis-27 ta' April 2018.

Ra ir-risposta ta' **Brian Tonna** u **Karl Cini** ppresentata fis-27 ta' April 2018.

Ra ir-risposta ta' **Konrad Mizzi** ippresentata fis-27 ta' April 2018 u d-dokumentazzjoni maghha annessa, ossija id-Digriet tal-Magistrat Inkwirenti Ian Farrugia tas-26 ta' Lulju 2017 fuq rikors ta' Dr Simon Busuttil tal-14 ta' Lulju 2017.

Ra illi fit-2 ta' Mejju 2018 il-Magistrat Inkwirenti ghamel is-segwenti digriet:

*Tordna lil Dr. Simon Busuttil u David Casa sabiex jidhru quddiem il-Magistrat Inkwirenti nhar it-Tnein 7 ta' Meiju 2018 fis-13:30pm sabiex jixhdu u, filwaqt illi tawtorizzahom jipprovdu kull dokumentazzjoni rilevanti in konnessjoni mar-rikors odjern li ma gewx gia prezentat.*

*Tordnalhom sabiex igibu kopja ta' kull rikors illi huma gia ghamlu a tenur tal- Art 546 (4A) kontra I-persuni minnhom indikati fir-rikors odjern kif ukoll tordnalhom sabiex dakinhar li jidhru quddiem il-Magistrat Inkwerenti jipprezentaw nota fejn jindikaw b'mod car u konciz u fuq bazi individwali, kull persuna minnhom suspettati li ghamlu xi reat, attwalment xreati setghu ikkomettew u bi ksur ta' liema ligi.*

*Dr. Simon Busuttil u David Casa se jinstemghu individwalment u jistghu jkunu assistiti minn Avukat jekk ikunu jridu.*

Ra ir-rikors ta' Dr Simon Busuttil u David Casa ippresentat fit-3 ta' Mejju 2018 fejn talab is-segwenti:

*... l-esponenti umilment jitolbu lil-Magistrat sedenti li jippermettilhom u jordna li jkunu notifkati mill-iktar fis bir-risposti tal-persuni suspettati sabiex l-esponenti jkunu fil-qaghda umanament possibbli li jirregolaw ruhhom fix-xhieda taghhom quddiem il-Magistrat fis-seduta tat-Tnejn, 7 ta' Meiju 2018, u dan taht kull provvediment li joghgbu jordna*

Ra illi ir-rikors gie michud fit-3 ta'Mejju 2018 stess.

Sema x-xhieda ta' **Dr Simon Busuttil** moghtija fis-7 ta' Mejju 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija:

- In-nota ordnata mill-Qorti sabiex *"jindikaw b'mod car u konciz u fuq bazi individwali, kull persuna minnhom suspettati li ghamlu xi reat, attwalment xreati setghu ikkomettew u bi ksur ta' liema ligi."*
- Domanda parlamentari illi saret minn Dr Simon Busuttil fl-24 ta' April 2018.
- Press release tad-DOI intitolata 'Press Release by Keith Schembri, Chief of Staff at the Office of the Prime Minister" datata 18 ta' April 2018.
- Documentazzjoni tal-ICIJ dwar Hearnville Inc u Tillgate Inc
- Thread ta' emails bejn Karl Cini u rappresetanti tal-Mossak Fonseca bejn it 8 ta' Awissu 2015 u it 2 ta' Dicembru 2015.
- Rikors lill-Magistrat Aaron Bugeja illi eventwalment wassal ghal ftuh ta' inkjesta quddiem il-Magistrat Natasha Galea Sciberras;
- Rikors lill-Magistrat Aaron Bugeja illi eventwalment wassal ghal ftuh ta' inkjesta quddiem il-Magistrat Josette Demicoli;
- Rikors lill-Magistrat tal-Ghassa (il-Magistrat Ian Farrugia), illi eventwalment wassal ghad-digriet ghal ftuh ta' inkjesta fis 26 ta' Lulju 2017.

Sema x-xhieda ta' **David Casa** moghtija fis-7 ta' Mejju 2018 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, ossija:

- Rapport mhux datat u mhux iffirmat allegatament redatt mill-FIAU

Ra illi fid-9 ta' Mejju 2018 il-Magistrat Inkwirenti ordna lill Mario Pullicino:

> *"sabiex jidher quddiem il-Magistrat Inkwirenti nhar il-Hamis 10 ta' Mejju 2018 fis 2.00pm sabiex jixhed u, filwaqt illi jawtorizzah jipprovdi u jgib kull dokumentazzjoni in sostenn ta' dak minnu allegat, tordnah jipprovdi d-dokumentazzjoni kollha dettaljata in konnessjoni mas-servizz minnu rez."*

Ra illi fl-10 ta' Mejju 2018, il-Magistrat Inkwirenti gharraf lill Mario Pullicino illi, fid-digriet originali tal-20 ta' April 2018, bi zvista l-Magistrat Inkwirenti ma kienx ordna lill-istess Mario Pullicino, bhala persuna suspettata, sabiex jirrispondi a tenur tal-Artikolu 546 (4A), u ghalhekk laqghet it-talba ta' Mario Pullicino fejn talab li flok jixhed jippresenta risposta a tenur tal-Artikolu 546 (4A).

Sema x-xhieda ta' Albert Guy Beliard, ta' nazzjonalita Tedeska, moghtija fl-10 ta' Mejju 2018, li gie l-Qorti minn rajh u talab sabiex jixhed quddiem il-Magistrat Inkwirenti dakinhar stess.

Ra ir-risposta ta' Mario Pullicino ippresentat fil 15 ta' Mejju 2018.

## Ikkunsidra

Il-Magistrat Inkwirenti jibda billi jghid illi x-xhieda ta' Albert Guy Beliard, li gie minn rajh, fil-proceduri odjerni, kienu totalment irrilevanti ghall-proceduri odjerni u bbazati fuq assersjonijiet u supposizzjonijet tieghu fuq dak li kien jaf mill-mezzi tax-xandir u xejn minn

dak li jaf personalment, u ghalkemm il-Magistrat Inkwirenti ipppermettilu jixhed fuq insistenza tieghu, x-xhieda tieghu ma hijiex ser tittiehed in konsiderazzjoni.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi, fir-rikors promotur ippresentat mir-rikorrenti Dr Simon Busuttil u David Casa, kif eventwalment indikaw ftit aktar fid-dettal fin-nota ppresentata mill-istess rikorrenti fuq ordni tal-Magistrat Inkwirenti, id-delitti indikati mill-istess rikorrenti u li kienet il-bazi tar-rikors taghhom maghmul a tenur tal-Artikolu 546 (4A) tal-Kap 9 kienu s-segwenti:

> 1. Illi **Mario Pullicino** (ta' Karma, Triq Selmun, Mellieha) li huwa Direttur, Judicial Representative, Legal Representative u Company Secretary ta' Orion Engineering Group Ltd, C 24356, li minnha fit-23 ta' Lulju 2015 thalsu €161,000 lil societa 17 Black f Dubai (konfermat rapport tal-FIAU), u allura bhala minimu hemm bazi legali ghal in genere re Art. 115, 118, 119, 120, 188, 18, 48A, 42, 83A(2) tal-Kodici Kriminali, u l-Art. 3 tal-Kap.373;
>
> 2. Illi **On. Konrad Mizzi**, Ministru ghat-Turizmu, li kien Ministru ghall- Energija fiz-zmien tal-fatti li r-rikorrenti jtennu li kien partecipi u hati fis-segwenti delitti: Art. 115, 118, 119, 120, 188, 189, 18, 141, 48A, 42, 83A tal-Kodici Kriminali, u l-Art. 3 tal-Kap.373;
>
> 3. Illi **Keith Schembri**, Chief of Staff tal-Prim Ministru: Art. 115, 118, 119 120, 188, 189, 18, 141, 48A, 42, 83A tal-Kodici Kriminali, u l-Art. 3 tal-Kap 373;
>
> 4. Illi **Brian Tonna** u **Karl Cini** ta' Nexia BT: Art. 115, 118, 119, 120, 188 189, 18, 141, 48A, 42, 83A tal Kodici Kriminali, u l-Art. 3 tal- Kap.373, art. 15 tal-A L. 373.01, u Art. 12 tal-Kap. 281

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi l-azzjoni odjerna hija azzjoni sabiex tinbeda l-procedura hemm insejjja "*In genere*" stabbilita fl-Artikolu 546 et seq tal-Kodici Kriminali, liema Artikolu jistabilixxi dan li gej:

> *1) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li jiġu minnufih wara dan, wara r-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ta' reat li jista' jingħata l-piena ta' priġunerija għal iżjed minn tliet snin, u jekk is-suġġett materjali tar-reat ikun għadu jeżisti, għandu jiġi deskritt l-istat tiegħu, bid-dettalji kollha wieħed wieħed, u għandu jiġi msemmi l-istrument u l-mod li bih dan l-istrument seta' jġib l-effett. Għall-finijiet ta' kull investigazzjoni bħal din, għandu jsir aċċess fuq il-post:*

Jirrizulta, ghalhekk, illi biex tiskatta l-procedura mitluba mir-rikorrenti, jenhtieg illi tlett elementi jissusistu:

1. Ir-rapport, denunzja jew kwerela
2. Reat li jista jinghata piena ta' prigunerija ghal izjed minn tliet snin
3. Suggett materjali tar-reat ikun ghadu jezizti.

Minghajr tali tlett elementi, inkjesta ta' '*in genere'* ma ghandhiex tinfetah.

Jirrizulta ukoll illi d-decizjoni tal-Magistrat Inkwirenti dwar jekk ghandhux isir "*access*" ma jimpedix l-istituzzjoni jew it-tkomplija ta' proceduri kriminali aktar 'l quddiem, u di fatti, l-proviso ghall-Artikolu 546 (2) jghid:

> *Iżda d-deċiżjoni ta' maġistrat li ma jagħmilx aċċess skont dan is-subartikolu ma timpedix, dwar il-fatt jew il-fatti li dwarhom dik id-deċiżjoni tkun ittieħdet, l-istituzzjoni jew it-tkomplija ta' proċeduri kriminali għal reat li jkun iktar gravi, sew minħabba x-xorta tiegħu sew minħabba l-ammont involut sew għal xi raġuni oħra, tkun liema tkun, mir-reati msemmija f'dan is-subartikolu*

Jirrizulta illi dwar il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti fil-procedura fuq indikata, fil-kawza '**Repubblika ta' Malta vs Jason Calleja**', deciza fit -3 ta' Lulju 1997, il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha dan xi tghid:

> *Stabbilit illi l-Magistrat Inkwirenti fl-inkjesti ma jagixxix bhala Qorti Istruttorja, x'inhija allura l-funzjoni tieghu? M'hemmx dubju li l-ewwel konkluzjoni hija illi fl-inkjesta huwa anqas ma ghandu funzjoni ta' Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Certament huwa persuna intiza mil-ligi stess bhala ta' importanza fondamentali fil-process tar-ricerka ghall-verita', izda l-Magistrat Inkwirenti m'ghandux il-funzjoni li jistabilixxi l-htija jew l-innocenza ta' xi persuna, indizjata jew mhijiex.*
>
> ....
>
> *In linea generali, il-Magistrat Inkwirenti hu fdat lilu l- inkarigu li fil-kazijiet previsti mill-istess Titolu, jinvestiga ir-reat jew il-fatt rapportat lilu u/jew izomm l-access li l-ligi tipprevedi u fl-ahharnett jirredigi proces verbal li l-ligi stess tirregola u tattribwilu valur probatorju. Dan kollu jifforma parti integrali mill-process generali tar-ricerka tal-verita' u jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jiddentifika bhala pertinenti ghal-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga. Bhala tali, u kuntrarjament ghal dak li jigri f'certi sistemi kontinentali, l-Magistrat Inkwirenti mhux parti mill- pulizija u wisq inqas, mill-prosekuzzjoni; anzi jidher car li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji li l- ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv tal-Istat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita' ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il- haqq u l-gustizzja. Rwol dan, li Lord Tucker, fl-appell quddiem il-Privy Council in re Regina vs George Terreni, obiter, iddeskriva bhala "a good way of preserving evidence".*

Jirrizulta partikolarment rilevanti ghal kaz odjern dak illi kellha tghid l-istess Qorti meta ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"S'intendi, certi decizjonijiet il-Magistrat Inkwirenti bilfors johodhom, anzi, jista' jigi affermat li minghajr l-ezercizzju ta' din il- funzjoni, l-ufficcju tieghu, f'diversi kazijiet jisfa' bla sens. Hekk, per ezempju, f'kazijiet ta' mewt rapportati lilu, huwa*

> *ghandu jindaga c-cirkostanzi li wasslu ghal dik il- mewt u jistabbilixxi hiex aktarx jew certament wahda accidentali u indipendenti minn kull htija doluza jew kolpuza ta' terzi jew inkella hiex proprju ir-rizultat ta' tali komportament ta' terzi. L-istess jinghad ghal kazijiet fejn jigu rapportati lilu eventi li prima facie ikunu jipprezentaw sembjanzi ta' reat. Hi certament l-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jinvestiga, okkorrendo permezz ta' esperti, c-cirkostanzi kollha tal-kaz u jipprova jasal ghal konkluzjoni dwar jekk verament sarx reat u jekk hemmx provi tali li jippuntaw lejn xi hadd partikolari li jista' jigi investigat ulterjorment jew addirittura akkuzat. Certament m'hix il-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti li jiddeciedi li ghar-reat investigat minnu huwa certament jew probabbilment responsabbli xi hadd partikolari, ghax kif inghad huwa ma jagixxix ua Qorti, la ta' Istruttorja w in as ta' Gudikatura. <u>Izda hija certament il-funzjoni tieghu li jiddeciedi l-ewwel hemmx provi sufficjenti li verament sar reat u t-tieni jekk a bazi tal-provi - indipendentement mill-apprezzament taghhom - hemmx bizzejjed biex jinghad li xi hadd partikolari jista' possibilment ikun passibbli ghal proceduri kriminali.</u> **Dan mhux biss jikkostitwixxi funzjoni tal- Magistrat Inkwirenti, izda, fil- fehma ta' din il-Qorti huwa addirittura dover tieghu.**"*

Jirrizulta illi fid-Dibattitu illi sar fil-**Kumitat ghall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Ligi** fil-laqghat numri 79,83, 86, 88 u 89 illi saru f'Gunju u Lulju 2006 meta kien qed jigi diskuss Abbozz ta' Ligi Nru 69 li jemenda l-Kodiċi Kriminal, li eventwalment wassal ghall-promulgazzjoni tal-Att Nru XVI tas-sena 2006 li introduca l-Artikolu 546 (4A) li abbazi taghha ir-rikorrenti nedew il-procedura odjerna, il-Ministru Dr Tonio Borg, illi dak iz-zmien kien il-Vici Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja u Intern, kellu dan xi jghid dwar tali procedura gdida :

> *Għal snin twal ħadd ma kien jaħseb li huwa possibbli li l-maġistrat inkwerenti jagħmel inkjesta jekk mhux fuq it-talba ta' l-avukat ġenerali jew tal-pulizija, u prova ta' dan huwa l-fatt li qatt ma ġrat ħlief f'dawn l-aħħar forsi għaxar snin, u terġa' ġrat rarament ukoll. Mela vantaġġ ta' din l-emenda li forsi wieħed mhux qed jarah huwa li issa se jiġi stabbilit li huwa possibbli li ssir. Sal-lum il-Kodiċi kien silenzjuż dwaru, ma kien jgħid xejn, u ħafna kienu qed jiddubitaw li għax ma jgħid xejn ma tistax issir.*
>
> *Issa qegħdin ngħidu li tista' ssir. Qed ngħid dan għaliex kien hemm min ġie jistaqsi din għaliex għamiltha u li issa se jkollu dritt kulħadd li jagħmel inkjesta mhux fuq talba ta' l-avukat ġenerali u tal-pulizija. Hawn min jgħid li m'għandux ikun hemm din il-fakulta' għax wara kollox, jekk xi ħadd jidhirlu li sar reat u l-pulizija ma ħaditx il-passi, hemm ir-rimedju wkoll taċ-challenge. Ġieli ġrat u ġieli l-pulizija kellha tieħu passi bilfors.*
>
> *Li rridu noqogħdu attenti huwa li dan il-poter għandu jeżisti pero' għandu jiġi regolat u qed nirregolawh b'żewġ metodi. Qegħdin nirregolawh għaliex issa ma tmurx quddiem maġistrat li trid int u li tikkalkola min imissu, imma dak li jitla' bil-polza, u t-tieni qed ngħidu wkoll li l-inkjesta maġisterjali hija differenti mill-inkjesti li jsiru taħt l-Enquiries Act ta' l-1977. Dak hemmhekk il-gvern jista' jordna hu inkjesta dipartimentali, jista' jorganizza inkjesta fuq kwalunkwe ħaġa biex hu jkun jaf eżattament x'ġara.*
>
> ....

*Kif ġieli jiġru bl-abbużi li jistgħu jsiru fis-sistema Taljana, jiġifieri li tibda inkjesta, ħadd ma jaf min qed jiġi indagat, lanqas il-persuna stess li qed tiġi indagata. Għallinqas fl-Italja jagħtuk l-avviżi u l-garanzija li jinformawk li qed tiġi investigat. Ħalliha l-avviż ta' garanzija sfortunatament fl-Italja żviluppat qisu att ta' akkuża għaliex għandu avviż imma Malta jista' jagħti l-każ, jekk ma tikkontrollahomx, li tiżviluppa f'persekuzzjoni u mhux f'investigazzjoni.*

*Issa meta tista' ssir inkjesta? Dejjem? Le, mhux dejjem. Mhux għax sempliċement ngħid, jien nemmen li qed isir reat. Mhux biżżejjed. U hemm żewġ kwalifiki għaliex trid issir inkjesta li huma regolati bl-artiklu 546 tal-Kodiċi Kriminali. Mela jrid ikun reat liable to the punishment of imprisonment exceeding three years, u jrid ikun if the subject matter of the offence still exists. Mela sar holdup, saret serqa f'dar, sar omiċidju, u l-maġistrat imur l-iktar biex jiffriża l-pożizzjoni kif inhi fil-mument tar-reat, jiġbor l-affarijiet kollha li huma prova tar-reat u mbagħad jasal għall-konklużjoni tiegħu jekk għandhomx jittieħdu l-passi jew le.*

*Issa aħna kulma qed ngħidu huwa li dan biex isir, apparti l-affari tal-polza, il-prim imħallef irid ukoll jikkonferma li dawn iż-żewġ elementi jeżistu wkoll. U dan qed ngħiduh biex wieħed jevita l-abbuż għaliex li rapport jibda minn xi ħadd barra l-pulizija ma fiha xejn ħażin.* (sottolinjar tal-Magistrat Inkwirenti) *Anzi jien stess qed ngħid iva, jista' jkun hemm ċirkostanzi fejn jew għax il-persuna min hi jew iċ-ċirkostanzi kif inhuma tajjeb li ma tibdiex mill-pulizija. Hawn min ma jaqbilx miegħu, mela jgħid le, m'għandha tibda qatt jekk mhux mill-pulizija u l-avukat ġenerali. U għal żmien twil hekk kienet il-pożizzjoni, għax jien kemm ili avukat qatt ma naf li qabel l-2000 qatt ġraw inkjesti ta' dan it-tip.*

*Jiena ngħid li ma fiha xejn ħażin, għandu jkun hemm ċerti ċirskostanzi fejn dan għandu jkun permessibbli, pero' qed nagħmlu dan id-double checking li tant hija ħaġa serja li għandu jkun hemm il-permess tal-prim imħallef.*

*Aħna mhux qed ngħidu l-permess tal-ministru, jew inkella l-permess ta' l-avukat ġenerali, għalkemm l-avukat ġenerali fil-proċedimenti kriminali huwa awtonomu. Aħna qegħdin ngħidu l-prim imħallef - u m'għandniex imħallef ieħor għax prim imħallef wieħed hemm - li hu jagħti l-awtorizzazzjoni biex dan isir. U l-maġistrat jintagħżel bil-polza ħalli ma jkunx hemm abbużi.*[1]

## Ikkunsidra

Jirrizulta, kif fuq gia stipulat, illi r-rikorrenti ibbazaw t-talba taghhom principalment abbazi ta' "*thread*" ta' emails illi jikkulminaw f'email datata 2 ta' Frar 2016, li dehret fuq varji gazzetti u siti elettronici, f'liema emails jidher illi Karl Cini qieghed jikteb lill Juan Carlos Martinez dwar "**RE: TILLGATE INT/ 2461974/ HEARNVILLE INC/ 2461975/ LQ/jcm**" fejn jissemma, inter alia, illi "*the main clients will be: 17 Black Limited (registered in Dubai)/Macbridge Limited (registered in Dubai)*" kif ukoll "*it is estimated that the companies*

[1] Jinghad hawnhekk illi, meta kienet qed issir dina d-diskussjoni, il-Ligi kienet tikkontempla li l-Magistrat li jilqa' r-rapport minn individwu u jiddeciedi jekk ghandux isir access jew le, kellu jittella bil-polza wara illi l-Prim Imhallef jivverifika jekk hemmx kaz ta' '*in genere*'. Aktar tard, il-ligi finali tbiddlet sabiex tirrifletti l-procedura esistenti llum

*will generate around USD 2m within a year*" u illi l-pagamenti kienu ser ikun ta' "*Circa Eur 150,000*" fix-xahar.

Jirrizulta illi tali email kienet il-bazi tal-artikoli kollha esebiti mir-rikorrenti in sostenn tar-rikjesta taghha quddiem dana il-Magistrat sabiex tinfetah inkjesta, kif del resto stqarr l-istess rikorrenti fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat meta qal "*il-motivazzjoni li skattat dan ir-rikors hija email li giet svelata f'dak li jissejjah bhala Daphne Project*".

**Ikkunsidra**

Jirrizulta illi fid-difiza taghhom, il-persuni suspettati qajjmu principalment zewgt linji difensjonali. L-ewwel difiza mqajjma principalment mis-suspettati Konrad Mizzi u Keith Schembri kienet illi l-meritu ta' tali rikors kien identiku ghal dak gia intavolat mir-rikorrenti Dr Simon Busuttil fl-14 ta' Lulju 2017 u debitament milqugh mill-Magistrat li rcieva tali rikors, fis 26 ta' Lulju 2017. It-tieni difiza mqajma, din id-darba mis-suspettati Karl Cini u Brian Tonna, kienet illi "*s-suggett materjali tar-reat*" kienet email li ma hemmx xejn x'tippreserva fih stante illi kien hemm inkjesta magisterjali fuq l-istess allegazzjonijiet u kull ma kellu jsir huwa li dan id-dokument jigi ppresentat hemmhekk.

Jirrizulta ukoll, fil-kaz tas-suspettat Mario Pullicino, illi huwa qajjem, bhala lija difensjonali principali, il-fatt illi "*s-suggett materjali tar-reat*", ossija l-email, bl-ebda mod ma taccenna jew tindika lill-Pullicino b'xi mod u ghalhekk ma hemm ebda "reat" illi jista jigi imputabbli kontra tieghu abbazi tal-email illi fuqu ibbazaw ir-rikorrenti.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta, f'dana l-istadju, illi jkun opportun illi jigi ezaminat ir-rikors illi r-rikorrenti Dr Simon Busuttil kien ghamel fl-14 ta' Lulju 2017, liema rikors gie milqugh fis-26 ta' Lulju 2017 izda li jinstab fi stadju ta' appell quddiem il-Qorti Kriminali stante illi s-suspettati f'dak il-kaz, li kienu jinkludu uhud mis-suspettati f'dan ir-rikors, ossija l-Onor Konrad Mizzi, Keith Schembri, Brian Tonna u Karl Cini intavolaw talba ghar-revoka ta' tali digriet abbazi tal-Artikolu 546 (4B) tal-Kap 9.

Jirrizulta illi fir-rikors, li kopja tieghu giet ippresentata quddiem dana il-Magistrat mir-rikorrent Dr Simon Busuttil, intqal is-segwenti:

> *Illi fit-13 ta' Marzu 2013, l-On Konrad Mizzi ha l-gurament bhala Ministru tal-Energija u s-Sur Keith Schembri gie appuntat Chief of Staff tal-Prim Ministru;*
>
> *Illi fl-14 ta' Marzu 2013, il-partner fis-societa tal-awditar Nexia BT, Karl Cini jibghat email lis-societa Mossack Fonseca fil Panama, biex jinbeda l-process biex jinfethu "kumpaniji fil-Panama u possibilment trust";*
>
> *Illi s-socjeta Nexia BT hi proprieta ta' Brian Tonna li hu ferm qarib tal-Prim Ministru Joseph Muscat u mill bidu tal-amministrazzjoni tal-Prim Ministru Muscat beda jinghata hemel direct orders li jammontaw ghal mijiet ta' eluf ta' euro u trattament preferenzjali f'diversi oqsma redditizji;*

*Illi fil-21 ta' Marzu 2013, Kari Cini jerga' jibghat reminder lil Mossack Fonseca, u jikkjarifika li l-beneficcjarju ta' wahda minn dawn il- kumpaniji "ha jkun (jew tkun) individwu", mhux Nexia BT, u li d dettalji tieghu jew taghha ha jinghataw b'telefonata fuq Skype. Huwa jitlob ukoll biex isir il-persuna ta' kuntatt il-gdid ghal 3 kumpaniji ohra registrati fil-British Virgin Islands, li huma ta' Keith Schembri (Chief of Staff tal-Prim Ministru), Malcolm Scerri (li jmexxi s-societa Kasco fisem l-istess Sur Keith Schembri) u s-Sur Adrian Hillman, u jitlob biex is-sidien jinhbew wara "nominee shareholders";*

*Illi fl-applikazzjoni ta' dawn il-kumpaniji, jigu mmarkati l-kaxxi li jitolbu "No Audit" (biex ma jsirx awditjar) u "Total Secrecy and Confidentiality" (biex jinzammu f'segretezza u kunfidenzialita' assoluta, u l-nformazzjoni ma tinghata lill-ebda awtorita' ohra inkluz f'Malta ovvjament);*

*Illi fl-istess gimgha, Nexia BT irregistrat wko kumpanija Torbridge Services Inc fil-British Virgin Islands;*

*Illi fit-12 ta' April 2013 il-Prim Ministru nehha lil John Rizzo minn Kummissarju tal-Pulizija minghajr ebda raguni;*

*Illi f'Meiju 2013 Mossack Fonseca jwaqafu l-ufficcju taghhom Malta. L-ishma huma 100% ta' Brian Tonna. L-ufficciu huwa kongunt mal-ufficcju ta' Nexia BT f'San Gwann;*

*Illi f'Ottubru 2013 Socar (l-kumpanija tal-energija tal-Gvern tal-Azerbaijan), Gasol (kumpanija mill-Afrika) u grupp ta' investituri Maltin, rebhu l-kuntratt tal-powerstation il-gdid tal-gass;*

*Illi Dicembru 2013 il-kumpanija li jopera tahtha Pilatus Bank giet registrata f'Malta.*

*Illi fi Frar 2014 Torbridge Services Inc tigi trasferita minghand Brian Tonna ghal ghand Cheng Chen, ufficcjal gholi fis-Shanghai Electric Power;*

*Illi fl-11 ta' Marzu 2014, Shanghai Electric Power tiffirma l-ftehim ma' Konrad Mizzi, Ministru tal-Energija f'isem il-Gvern Malti, biex tixtri I-powerstation tal-BWSC ghal €220 milijun u 33% tal-Enemalta ghal €100 miljuni;*

*Illi Dicembru 2014 il-Prim Ministru Joseph Muscat, il Ministru Konrad Mizzi, Keith Schembri u s-Sur Kurt Farrugia, responsabbli mill komunikazzjoni fl-Ufficju tal-Prim Ministru, jzuru l-Azerbaijan ghal laqghat mal-President tal Azerbaijan u li ghaliha ma jattendi l-ebda gurnalist Malti, ebda membru tal-korp diplomatiku, u l-ebda membru tas-servizz pubbliku Malti, u jigi mat ftehim ta' xiri ta' fuel minghajr hadd mill Kumitat tax Xiri tal-Fuel ikun prezenti. Il-poplu Malti jaf b'din iz-zjara biss minn fuq il media tal-Azerbaijani;*

*lli fi Frar 2015 gie ppublikat il-Kodici tal-Etika Ministerijali l-gdid u tnehha l-bzonn li Ministru jiddikjara anke assi li jkunu f'isem martu jew zewgha skont il-kaz;*

*Illi f'Marzu 2015 l-Ufficciu tal-Awditur Generali ppublika rapport fuq hedging agreements tal-2014 u ikkritika lill-Ministru Konrad Mizzi tal-indhil Ministerjali bla precedent fix-xiri tal-fuel, u jikkonferma li l Enemalta tilfet €14.1 miljun minn dan il-ftehim;*

*lllí f'April 2015, il-Prim Ministru Joseph Muscat rega' mar l-Azerbaijan u ghal darb'ohra, I-ebda gurnalist jew impjegat tac-civil ma jattenda mieghu;*

*Illi f'Gunju 2015 il Ministru Konrad Konrad Mizzi iffirma statement lil Nexia BT li Hearnville Inc ha tiehu hsieb transazzjonijiet tieghu iffinanzjati minn "assi personali u dhul min-negozju", u li Hearnville "ghadha ma bdietx tinnegozia, u eventwalment tiehu flus mill konsulenzi u senseriji."*

*Illi fit-22 ta' Lulju 2015 il-kumpanija registrata l-Panama tal-Ministru Konrad Mizzi (Hearnville Inc), giet trasferita ghal got-trust fi New Zealand, fl-istess jum li Gasol tbiegh l-ishma tagnha fl-Electrogas lill kumplament tal-partners fil konsorziu, ghal somma mhux maghrufa (imma li skont il gurnal The Malta Independent kienet ghexieren ta' miljuni ta' ewro);*

*Illi kumpanija li ghandha l-Gasol hija wkoll klijent ta' Mossack Fonseca;*

*Illi f'Awwissu 2015 Pilatus Bank, li sidu huwa lranjan ta' 32 sena li juza passaporti differenti mahruga minn St Kitts u Nevis, jienu l-licenzja biex jopera bhala Bank f'Malta wara li kien gie rifjutat licenzja minn pajjizi Ewropej ohra;*

*Illi f'Settembru 2015 jibdew jidhru mails li hargu fil-Panama papers fein hareg li Nexia BT kienet ghamlet hemel tentattivi biex tiftah kontijiet f'postijiet differenti ghal dawn it-tliet kumpaniji sigrieti;*

*Illi fis-17 ta' Ottubru 2015, Karl Cini baghat email lil Mossack Fonseca biex jispjega li I-kumpaniji imsemmija ta' Konrad Mizzi u Keith Schembri ser jintuzaw ghal operazzjonijiet ta "riciklagg u remote-gaming";*

*Illi fis-26 ta' Novembru 2015 Karl Cini baghat email lil Mossack Fonseca jistaqsi fuq il-bzonn ta' depositu ta' miljun dollaru Amerikan li qed jitolbu l-banek u jindika li "Huma (Schembri u Mizzi) qed jistaqsu fuq dan il-milijun dollaru. Dan ghall-ewwel depozitu biss? Hemm minimu li jridu jhallu fil-kont bhala running balance?"*

***<u>Illi fit-2 ta' Dicembru 2015, wara li l-Bank BSI Panama qallu f'email li d-depozitu irid ikun ta' miliun dollaru fis-sena, Karl Cini jikkonferma li gab il-konferma ta' Schembri u Mizzi biex infethu dawn il-kontijiet ghal "dawk iz-zewg kumpaniji fil Panama</u>*** (sottolinjar tar-rikorren) *u dan meta hu fatt maghruf li l-introjtu u perkacci tal Ministru Mizzi u c-Chief of Staff tal-Prim Ministru huma ferm u ferm u ferm inqas biex jiggustifikaw kif setghu jibdew jaghmlu tali depositi annwalment;* (sottolinjar tar-rikorrenti)

*Illi fl-10 ta' Dicembru 2015 Mossack Fonseca bghatu email lil Nexia BT u qalu li sabu problema biex jifthu l-kontijiet, ghax il-bank fejn kienu ha jinfethu gie mixtri*

*minn bank iehor, li issa qed jitlob lis-sidien tal-kontijiet biex ikollhom visa tal-Panama;*

*Illi fil-15 ta' Dicembru 2015, Karl Cini baghat lura li qed jigbor l-informazzjoni necessarja. L-emails jieqfu hawn ghax il-hack tas servers ta' Mossack Fonseca li harget fil-Panama Papers tieqaf f'din il-gurnata;*

*Illi fl-24 ta' Frar 2016, il-Ministru Konrad Mizzi ddikjara li hu fetah trust New Zealand biex tehodlu hsieb l-affarijiet tal familja pero jahbi I fatt li din izzomm kumpanija registrata fil-Panama;*

*Illi fis-27 ta' Frar 2016 sar maghruf li Keith Schembri ghandu l-istess struttura finanzjarja ezatt bhall-Ministru Konrad Mizzi, trust fi New Zealand li tahbi fiha kumpanija registrata l-Panama;*

*Illi fil-11 ta' Marzu 2016, jigu fotografati hafna kaxxi b'karti gatt jintremew mill-ufficcji ta' Nexia BT u jingabru minn vannijiet tas-socjeta Kasco;*

*Illi fit-3 ta' April 2016 l-ICIJ (International Consortium of Investigative Journalists) ppubblikaw l-Panama Papers mad-dinja kollha, u cjoe 11.5 miljun dokument u email li gew hacked servers tal- Mossack Fonseca;*

*Illi fis-27 ta' April 2016 Michael Cassar irrizenja minn Kummissaru tal-Pulizija ftit sighat biss wara li rcieva port tal-FIAU fuq dawn il-kumpaniji sigrieti;*

*Illi fit-2 ta' Awwissu 2016, rrizenja l-Kap ta-FIAU, Manfred Galdes;*

*Illi meta l-Kumitat PANA tal-Parlament Ewnopew, imwaqqaf wara l-iskandlu tal Panama Papers), zar Malta fl-2017, il-Kap tieghu, l- MEP Germaniz Langen, iddikjara pubblikament li dawn il fatti elenkati hawn fuq jindikaw a textbook case of money laundering;*

*llli d-delitt ta' hasil ta' flus, u/jew it-tentattiv tad-delitt ta' hasil ta' flus huwa punibbli bi prigunerija li teccedi sew it-tliet snin kif irid l-artiklu 546 (1) tal-Kodici Kriminali;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil Magistrat tal-Ghassa jiftah Inkjesta Magisterjali a tenur tal-artiklu 546(1) tal-Kodici Kriminal filwaqt li minn ssa qed ipoggu lilu nnifsu ghad dispozizzjoni shiha tal-Magisrat Inkwirenti.*

Jirrizulta illi, permezz ta' Digriet datat 26 ta' Lulju 2017, il-Magistrat Ian Farrugia wasal ghas-segwenti konkluzjonjiet

*F'dan il-kaz il-Magistrat sottofirmat hu tal-fehma li bis-sahha tar-rikors promotur ipprezentat mil-Onorevoli Dr. Simon Busuttil bil-gurament nhar l-14 ta' Lulju 2017, saret denunzja. Id-denunzia saret fir-rigward ta' fatti li jekk accertati fi hdan inkjesta dwar l-in genere, jistghu jaghtu lok ghal azzjoni kriminali li bhala rizultat taghha, fil-kaz eventwali ta' sejbien ta' htija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, jistghu jimportaw piena li tista tizboq it-tlett snin prigunerija.*

*L-allegati fatti denunziati potenzialment jaghtu lok ghas-suggett materjal tar-reat li jrid jigi prizervat.*

*lkun fl-ahhar tal investigazzioni dwar l-in genere li jkun jista jinghad jekk hemmx lok ghal azzjoni kriminali jew le. U fkaz pozittiv, fir-rigward ta' liema reati tkun trid tigi istitwita l-azzjoni penali u fil konfront ta' min.*

*Bis-sahha tal-investigazzioni dwar l-in genere tkun tista tiigi stabbilita il-verita gudizzjarja tal-fatti.*

*Fil-fehma tal-Magistrat sottoffirmat, il-prerekwiziti mehtiega sabiex issir investigazzjoni dwar l-in genere huma sodisfatti.*

***Konkluzjoni.***

*llli allura, la darba issa, fil-fehma tal-Magistrat Inkwirenti, avveraw ruhom il-prerekwiziti kollha mehtiega, trid konsegwentement issir investigazzjoni u jkun propju fl-ahhar ta' tali investigazzjoni li jigi determinat jekk ikunx hemm lok ghal-proceduri kriminali jew le.*

*Finalment, la darba d-denunzja giet imressqa minn Dr. Simon Busuttil bhala konsegwenza ghandhom jiskattaw id-dispozizzionijiet ta' l-Artikolu 546(4A)(4B) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Magistrat li ghandu jikkonduci l-investigazzioni dwar l-in genere jintghazel bil-polza minn fost il-Magistrati kollha.*

*A tenur ta' l-Artikolu 546(4B) qed jigi ordnat li din id-decizjoni tigi notifikata lill-Onorevoli Kap ta' l-Oppozizzjoni Dr. Simon Busuttil kif wkoll lill-Onorevoli Prim Ministru Dr. Joseph Muscat, lil-Onorevoli Ministru Konrad Mizzi, lic-Chief of Staff tal- Prim Ministru Keith Allen Schembri, lil Brian Tonna, lil Kari Cini, lil Malcolm Scerri u lil Adrian Hilman.*

*Kull wiehed minnhom jista, fi zmien jumejn tax-xoghol mid-data tan-notifika tad-decizjoni, jaghmel rikors lil-Qorti Kriminali biex tigi revokata din id-decizjoni tal-Magistrat sottoffirmat.*

*Din id-decizioni qed tigi notifikata wkoll lill-Avukat Generali.*

Jirrizulta, ghalkemm mhux dokumentat quddiem dana il-Magistrat, illi minn tali digriet sar appell minnu li qed jinstema quddiem il-Qorti Kriminali kif ppresjeduta mill-Imhallef Antonio Mizzi u hemm kawza ta' natura Kostituzzjonali mibdija mir-rikorrent stante illi talba ta' rikuza maghmulha lill-istess Imhallef Antonio Mizzi giet michuda.

**Ikkunsidra**

Il-Magistrat Inkwirenti, f'dana l-istadju, ser jaqbad u jaghmel il-konsiderazzjonijiet tieghu tar-rikors promotur fl-ottika tal-fatti kif fuq stabbiliti.

Jirrizulta illi r-rikorrenti ghamlu r-rikors odjern abbazi tal-'email' datata **2 ta' Frar 2016,** abbazi ta' liema fatti kif hemm miktuba, huma talbu lill-Qorti tibda investigazzjoni – dana gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrent Dr Simon Busuttil stess.

Jirrizulta wkoll illi r-rikorrent David Casa esebixxa dokument illi huwa stqarr illi kienet tal-FIAU, madanakollu, tali dokument la hu iffirmat minn hadd u wisq anqas ma ghandu ebda indikazzjoni, kemm ufficjali u anke informali, illi huwa dokument tal-FIAU, u ghalhekk ser taghtih il-piz illi jisthoqqlu in vista ta' dawna l-osservazzjonijiet.

Jirrizulta illi l-'*email*' esebita mir-rikorrenti Dr Simon Busuttil hija mibghuta minn Karl Cini, li ghandu d-ditta Nexia BT flimkien ma, fost nies ohra, Brian Tonna.

Jirrizulta ukoll illi tali email kienet tirrigwarda l-ftuh ta' kumpanniji gewwa l-Panama bl-isem ta' Tillgate Inc u Hearnville Inc.

Jirrizulta, minn dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent, illi s-socjeta Tillgate Inc kellha indikat bhala beneficjarju lill Keith Schembri.

Jirrizulta, minn dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent, illi s-socjeta Hearnville Inc kellha indikat bhala beneficjarju lill Konrad Mizzi.

Jirrizulta, ghalhekk, illi minn tali dokumentazzjoni, jista jkun hemm involuti f'xi attivita' illi tista twassal ghall-possibbilta' ta' akkuzi ta' reat, Konrad Mizzi, Keith Schembri, Karl Cini u Brian Tonna.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi Mario Pullicino ma jiffigura mkien f'tali email u/jew korrispondenza.

## Ikkunsidra

Jirrizulta illi fir-rikors tar-rikorrenti datat 14 ta' Lulju 2017 u milqugh fis-26 ta' Lulju 2017, izda soggett ghall-appell pendenti quddiem il-Qorti Kriminali, l-allegazzjonijiet hemm maghmulha kienu bbazati fuq emails mehuda mill-ufficini ta' Mossack Fonseca u ppubblikati fl-hekk imsejjha Panama Papers, liema emails izda jieqfu fil-**15 ta' Dicembru 2015**.

Jirrizulta illi f'tali rikors, jirrizulta illi ssir referenza ghall-tlett emails partikolari, ossija email datata 2 ta' Dicembru 2015 fejn Karl Cini gharraf lill-kontro parti fil-Panama illi setghu jipprocedu biex jifthu l-konijeit ghaz-zewgt kumpanniji, email datata 10 ta' Dicembru 2015 fejn gie indikat lill-Karl Cini li kien hemm problemi biex tali kontijiet jinfethu u t-tielet email datata 15 ta' Dicembru 2015 fejn Karl Cini jgharraf illi qed jigbor l-informazzjoni necessarja.

Jirrizulta illi l-email datata 2 ta' Frar 2016, illi abbazi taghha r-rikorrenti nedew il-proceduri odjerni, hija attwalment email interna ta' Mossack Fonseca fejn jiccirkolaw email ta' Karl Cini datata 17 ta' Dicembru 2015 illi fiha Cini qieghed jaghti lill-Mossack Fonseca l-informazzjoni kollha mehtiega abbazi ta'email illi kienet giet lilu mibghuta fl-10 ta' Dicembru 2015.

Jirrizulta car, ghalhekk, illi l-email tat-2 ta' Frar 2016 kif ukoll l-emails l-ohra kontenuti f'tali email, hija kontinwazzjoni ta' l-istess korrispondenza illi kienet giet gia zvelata fil-Panama Papers u li, ghalhekk, jifforma parti mill-investigazzjoni mitluba mir-rikorrent Dr Simon Busuttil fl-14 ta' Lulju 2017.

**Ikkunsidra**

Jirrizulta ukoll, fil-kontenut tar-rikors odjern li qieghed jigi ikkunsidrat mill-Magistrat Inkwirenti, r-rikorrenti jikkontendu illi skond rivelazzjonijiet tal-media lokali, "*f'Lulju 2015 xejn inqas minn €161,000 intbghatu lil 17 Black minn Orion Engineering Ltd, socjeta propjeta ta' Mario Pullicino mill-Mellieha, li hija l-agent lokali ghall-Floating Storage Unit tat-tanker tal-gazz f'M'Xlokk tal-LNG, meta mhux suppost hemm ebda rabta bejn iz-zewgt socjetajiet.*"

Jirrizulta illi fin-nota spjegattiva maghmulha mir-rikorrenti fuq talba tal-Qorti, huma indikaw illi "***Mario Pullicino*** *(ta' Karma, Triq Selmun, Mellieha) li huwa Direttur, Judicial Representative, Legal Representative u Company Secretary ta' Orion Engineering Group Ltd, C 24356, li minnha fit-23 ta' Lulju 2015 thallsu €161,000 lil societa 17 Black f'Dubai (konfermat rapport tal-FIAU), u allura bhala minimu hemm bazi legali ghal in genere re Art. 115, 118, 119, 120, 188, 18, 48A, 42, 83A(2) tal-Kodici Kriminali, u l-Art. 3 tal-Kap.373;*"

Jirrizulta, madanakollu, illi fil-kaz ta' Mario Pullicino, ma hemm ebda "*suggett materjali tar-reat*" illi jrid jigi ppriservat peress illi, minnha innifisha, l-allegazzjoni kif redatta, fuq il-bazi tal-email esebita mir-rikorrenti, m'hijiex wahda li tista twassal ghal azzjoni penali u ma jirrizulta *prima facie* ebda reat illi l-istess Mario Pullicino seta ikkommetta mid-dokumentazzjoni pprovduta.

**Ikkunsidra**

Kif osserva l-Magistrat Inkwirenti aktar 'l fuq, biex tiskatta l-procedura mitluba mir-rikorrenti, jenhtieg illi tlett elementi jissusistu:

1. Ir-rapport, denunzja jew kwerela
2. Reat li jista jinghata piena ta' prigunerija ghal izjed minn tliet snin
3. Suggett materjali tar-reat ikun ghadu jezizti.

Jirrizulta izda illi fil-kaz tas-suspettat Mario Pullicino, kif indikat aktar 'l fuq, ir-reat kif ukoll is-suggett materjali tar-reat ma jesistix peress illi ma gie riskontrat ebda reat.

Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi fil-kaz tas-suspettati Konrad Mizzi, Keith Schembri, Brian Tonna u Karl Cini, is-suggett materjali tar-reat jista jitqies bhala illi ghadu jesisti, u dana kif jidher kristallizat fl-email datat 2 ta Frar 2016 esebita mir-rikorrenti kif ukoll l-emails l-ohra inkluzi f'tali email, ossija email datata 17 ta' Dicembru 2015 u l-10 ta' Dicembru 2015.

Jirrizulta, madanakollu, illi r-reat illi tieghu s-suspettati Konrad Mizzi, Keith Schembri, Brian Tonna u Karl Cini qed jigu akkuzati huma **ezattament** l-istess reati illi ser jigu investigati dwarhom fl-inkjesta tal-*in genere* illi infethet fis 26 ta' Lulju 2017 wara rikors ta' l-istess rikorrent datat 14 ta' Lulju 2017.

Jirrizulta wkoll illi l-fatti kollha indikati fir-rikors odjern huma **identici** ghall-fatti li gew esposti w kkunsidrati mill-Magistrat Inwkirenti fid-digriet tieghu tas-26 ta' Lulju 2017, bid-differenza illi l-fatti esposti fir-rikors odjern jitfghu aktar dawl u dettall fl-allegazzjonijiet gia maghmulha fl-14 ta' Lulju 2017.

**Ikkunsidra**

Il-Magistrat Inkwirenti jinnota illi l-funzjoni tal-Magistrat odjern huwa illi jistabilixxi l-esistenza tat-tlett elementi fuq imsemmija, liema ezami ghandu jsir fl-ottika tal-principji generali li jirregolaw kull procedura legali, wahda minn liema principji hija dik ta' *ne bis in idem*.

Il-Magistrat Inkwirenti jinnota ukoll illi, kif tikkontempla wkoll l-Artikolu 546 (4A), fil-mument illi tidhol rapport, denunzja jew kwerela kontra persuna, dik il-persuna titqies minnufih bhala **persuna suspettata** u, di fatti, il-Ligi tghid carament illi "*ir-rapport, id-denunzja jew il-kwerela ghandhom isemmu car lill-**persuna suspettata** li ghamlet ir-reat*".

Il-Magistrat Inkwerenti, ghalhekk, jinnota illi, tenut kont tal-fatt illi l-persuni li qed jissemmew li possibbilment ghamlu reat qed jigu ndikati minnufih bhala "*persuni suspettati*", dan iffisser illi l-Qrati ghandhom jaghtuhom il-protezzjoni illi tisthoq lill kull min ikun suspettat u/jew akkuzat, ossija illi ma jigux akkuzati ta' l-istess akkuzi u fatti darbtejn, u aktar u aktar, li tali akkuzi isiru quddiem l-istess awtorita'u jinstemghu kontemporanjament.

Il-Magistrat Inkwirenti jinnota wkoll illi, llum il-gurnata, anke in vista ta' decizjonijet tal-Qrati nostrani kif ukoll dawk tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem, is-suspettat ghandu jibbenefika mill-istess drittijiet illi ghandu akkuzat, u ghalhekk ghandu wkoll jinghata l-istess protezzjonijiet, fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-Gustizzja.

Kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili, sede Kostituzzjonali fil-kawza '**Il-Pulizija vs Nicolai Magrin**' deciza fis-26 ta' Marzu 2009:

> *"Illi meta wieħed jitkellem dwar l-eccezzjoni tan-ne bis in idem fil-qasam tad-dritt penali taħt l-ordinament guridiku tagħna, wieħed iqis li jeħtieg jintwera li l-persuna li tkun tqiegħdet taħt akkuża oħra trid tkun l-istess waħda li kienet tqiegħdet taħt l-ewwel procedura u wkoll li tkun hekk tressqet dwar l-istess fatt.*

Kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminal (Inferjuri), fil-kawza **Il-Pulizija vs Anthony Vella et**:

> *"Bl-espressjoni 'l-istess fatt' wieħed għandu jifhem il-fatt fiżikament rigwardat, konsistenti għalhekk kemm fl-element materjali – att ta' kommissjoni jew ommissjoni – kif ukoll dak formali tiegħu. Mhux biżżejjed li l-fatt ikun jirrigwarda l-istess oggett; hekk, per eżempju, min f'okkażjoni partikolari jaghmel ħsara volontarja fuq proprjeta' ta' ħaddieħor u f'okkażjoni oħra jerga' jagħmel l- istess tip ta' ħsara fuq l-istess proprjeta' ma jista' bl-ebda mod jecepixxi r-res judicata"*

Jidher car, mid-dicitura tar-rikors odjern illi qieghed jigi kkunsidrat mill-Magistrat Inkwirenti, illi r-reati w il-fatti kkontemplati fil-konfront ta' Konrad Mizzi, Keith Schembri, Brian Tonna

u Karl Cini huma l-istess bhal dawk ikkontemplati fir-rikors ippresentat mir-rikorrent fl-14 ta' Lulju 2017 u akkordat mill-Magistrat Inkwirenti fis 26 ta' Lulju 2017.

Jidher car ukoll illi l-unika differenza li hemm bejn ir-rikors odjern u dak datat 14 ta' Lulju 2017 huwa '*email*' datata 2 ta' Dicembru 2016, li gie a konoxxenza tar-rikorrenti minn rappurtagg illi deher fil-mezzi tax-xandir, u li seta facilment jigi ppresentat fl-atti tal-inkjesta '*in genere*' ordnata fis 26 ta' Lulju 2017.

Fil-funzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-decizjoni taghha tat 3 ta' Lulju 1997 fl-ismijiet '**Repubblika ta' Malta vs Jason Calleja**' huwa ghandhu jitqies:

> *..... mhux parti mill-Pulizija u wisq inqas, mill-Prosekuzzjoni; anzi jidher car li fis-sistema taghna huwa previst biex f'numru ta' kazijiet serji li l- ligi stess tispecifika, l-investigazzjoni ma ssirx biss, u l-provi ma jingabrux u ma jigux preservati biss mill-Pulizija, izda ukoll, anzi essenzjalment, minn persuni indipendenti mill-poter esekuttiv tal-Istat u li jiggarantixxu li r-ricerka tal-verita' ma tkunx inkwinata minn xi interessi hlief dak suprem li kollox isir skond il- haqq u l-gustizzja*

Madanakollu, il-garanzija ghar-ricerka tal-verita' ggib maghha ukoll l-obbligu, fuq il-Magistrat Inkwirenti, li tali ricerka ssir fil-parametri tal-legalita', li tinkludi, fost affarjiet ohra, illi persuna la tigi investigata u wisq anqas tigi processata fuq l-istess reat u fatti darbtejn, sabiex jigi evitat abbuz mis-sistema.

Dana huwa principju illi ghandu jirregola kull azzjoni, kemm civili kif ukoll kriminali, w investigazzjoni, anke jekk fi stadju ta' '*in genere*', ma tistax hlief ma titqiesx bhala parti intergrali mill-iter processwali ta' "*process generali tar-ricerka tal-verita*", li "*jikkonsisti principalment fil-gbir u preservazzjoni ta' dawk il-provi kollha, diretti u indiretti, li l-Magistrat Inkwirenti jirnexxilu jidentifika bhala pertinenti ghall-grajja jew reat li jkun qed jinvestiga*" u li eventwalment jista jwassal ghall azzjoni kriminali kontra persuna jew persuni.

## Ikkunsidra

Il-Magistrat Inkwirenti, finalment, jinnota ukoll illi, apparti tali konsiderazzjonijiet legali fuq imsemmija, ma huwiex fl-ahjar interess tal-gustizzja illi jkun hemm id-duplicita' jekk mhux it-triplicita' ta' l-istess investigazzjonjiet dwar l-istess reat ibbazati fuq ezattament l-istess fatti, stante illi dana jwassal kemm ghall-hela bla bzonn ta' rizorsi kif ukoll illi xxekkel it-tmexxija efficjenti ta' investigazzjoni, specjalment bhal dawk ikkontemplati fir-reati indikat mir-rikorrenti, fejn l-investigazzjonijiet certament huma vasti u jirrikjedu rizorsi kbar u hafna hin, u jkun aktar opportun illi tali rizorsi u investigazzjoni tigi kkoncentrata f'ínkjesta wahda taht tmexxija wahda.

Il-Magistrat Inkwirenti, di fatti, jgib bhala ezempju dak illi issemma mill-Dr Tonio Borg fid-dibattitu illi saru fis-sena 2006 meta dina l-procedura giet introdotta, u dana meta qal "*Mela sar holdup, saret serqa f'dar, sar omiċidju, u l-maġistrat imur l-iktar biex jiffriża l-pożizzjoni kif inhi fil-mument tar-reat, jiġbor l-affarijiet kollha li huma prova tar-reat u mbagħad jasal għall-konklużjoni tiegħu jekk għandhomx jittieħdu l-passi jew le*" – issa, fil-kazijiet illi semma Dr Borg, ghalkemm il-Magistrat ikun fetah inkesta, huwa logiku illi, jekk ikun hemm xi fatti ohra relatati ma' tali kaz, ma tinfetahx inkjesta '*in genere*' ohra, izda l-Magistrat li jkun qieghed

jaghmel jinkjesta jintalab sabiex jezamina l-fatti ulterjuri illi jkunu gew a konoxxenza ta' xi hadd, anke persuna kwalumke.

Issa, fil-kaz in ezami, ghandna reat illi qieghed jigi allegat fil-konfront ta' Konrad Mizzi, Keith Schembri, Brian Tonna u Karl Cini illi huwa l-istess reat illi ghalih gia infethet inkjesta. Huwa ghalhekk logiku illi kwalsiasi informazzjoni ulterjuri in konnessjoni ma' tali reat iridu jittiehdu u jigu ezaminati mill-Magistrati Inkwirenti li qed jinvestiga ir-reat u ma hemmx il-htiega illi jintalab Magistrat iehor sabiex jerggha jiftah Inkjesta 'in genere' iehor sabiex jinvestiga reat illi gia qed jigi investigat minn xi hadd iehor.

**Konkluzjoni**

Il-Magistrat Inkwirenti,

Ikkunsidrati l-fatti kollha kif fuq dettaljati,

Jasal ghal konkluzjonji illi, fil-konfront ta' **Mario Pullicino,** il-prerekwiziti mehtiega fil-Ligi sabiex investigazzjoni dwar l-*ingenere* fir-rigward tal-fatti allegati fir-rikors promotur ma jissusistux u ghalhekk **jichad** it-talba tar-rikorrenti ghat-tnedija ta' Inkjesta in genere fil-konfront ta' Mario Pullicino, u

Jasal ghall-konkluzjonijet illi, fil-konfront ta' **Konrad Mizzi, Keith Schembri, Brian Tonna** u **Karl Cini**, ghalkemm il-pre-rekwiziti mehtiega fil-Ligi sabiex investigazzjoni dwar l-ingenere rigward tal-fatti allegati fir-rikors promotur jidher illi jesistu, tali investigazzjoni dwar l-*ingenere* fuq il-fatti hawn allegati gia giet ordnata fis 26 ta' Lulju 2017 permezz ta' digriet tal-Magistrat Inkwirenti Ian Farrugia, fuq talba tar-rikorrent Dr Simon Busuttil u jkun aktar opportun illi l-*ingenere* titkompla fl-atti tal-Inkjesta *ingenere* miftuha fis-26 ta' Lulju 2017 u mhux f'inkjesta *ingenere* gdida - ghalhekk il-Magistrat Inkwirenti **jichad** it-talba tar-rikorrenti ghat-tnedija ta' Inkjesta in genere fil-konfront ta' Konrad Mizzi, Keith Schembri, Karl Cini u Brian Tonna filwaqt illi **jordna** illi l-atti ta' dana ir-rikors w d-dokumentazzjoni kollha ppresentata jintbghatu il-Qorti Kriminali sabiex jiffurmaw parti mill-atti tal-Inkjesta in genere miftuha fis-26 ta' Lulju 2017.

In vista ta' dana d-digriet, il-Magistrat Inkwirenti jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni tar-rikors ta' Konrad Mizzi ppresentat fil-25 ta' April 2018 u ir-rikors ta' Keith Allen Schembri ppresentat fil-25 ta' April 2018 ukoll.

Il-Magistrat Inkwirenti jordna li din id-decizjoni tigi notifikata lid-denunzjanti **Dr Simon Busuttil** u **David Casa** kif ukoll lid-denunzjati **Konrad Mizzi**, **Keith Schembri**, **Brian Tonna**, **Karl Cini** u **Mario Pullicino**, fejn kull wiehed minnhom jistghu, fi zmien jumejn ta' xoghol mid-data tan-notifika tad-decizjoni, jaghmel rikors lill-Qorti Kriminali biex tigi revokata d-decizjoni tal-Magistrat sottofirmat u fejn din il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq ir-rikors bl-urgenza.

Il-Magistrat Inkwirenti jordna wkoll illi tali decizjoni tigi komunikata wkoll lill-**Avukat Generali**, kif trid il-Ligi.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Notifika:** **Dr Simon Busuttil,**
**David Casa,**
**l-Onor Konrad Mizzi**,
**Keith Schembri**,
**Brian Tonna**,
**Karl Cini**,
**Mario Pullicino,**
**Avukat Generali**